

Brussell, 11 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12613/19

LIMITE

SOC 642
EMPL 487
ECOFIN 842
EDUC 395
SAN 410
GENDER 43
ANTIDISCRIM 36

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	L-Ekonomija tal-Benesseri - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' ġabra ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ekonomija tal-Benesseri".

Wara ħames laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali, li tnejn minnhom saru flimkien mal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika, intlaħaq ftehim fil-Grupp ta' Ħidma fl-10 ta' Ottubru 2019 dwar it-test meħmuż bl-eċċezzjoni tal-punti 24 u 47, li fuqhom l-Awstrija żżomm riżerva.

Il-bidliet għall-verżjoni preċedenti (12476/19) huma indikati b'**tipa grassa** u t-tħassir huwa mmarkat bi [...].

Il-Kumitat huwa mistieden jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet lill-Kunsill EPSCO għall-adozzjoni fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2019.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI li:

1. L-Ekonomija tal-Benesseri hija approċċ ta' orjentazzjoni ta' politika u governanza li għandu l-għan li jqiegħed lin-nies u l-benesseri tagħhom fiċ-ċentru tal-politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Filwaqt li l-benesseri tan-nies huwa valur fih innifsu, l-Ekonomija tal-Benesseri tenfasizza n-natura ta' rinfurzar reċiproku tal-benesseri u t-tkabbir ekonomiku. Il-kunsiderazzjoni tal-benesseri fil-politiki kollha hija ta' importanza vitali għat-tkabbir ekonomiku, il-produttività, is-sostenibbiltà fiskali fit-tul u l-istabbiltà soċjetali tal-Unjoni.
2. Il-benesseri tan-nies huwa għan ewlieni tal-Unjoni Ewropea. L-Ekonomija tal-Benesseri tpoġġi fil-mira r-raison d'être tal-Unjoni kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-ħolqien ta' ambjent li jippermetti lin-nies jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u li jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom huwa komponent ċentrali tal-Ekonomija tal-Benesseri. Fl-istess ħin, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv u r-reżiljenza jiffunzjonaw bħala faċilitaturi għall-benesseri tan-nies, tas-soċjetajiet u tal-pjaneta.
3. Approċċ orizzontali bbażat fuq il-kollaborazzjoni transsettorjali bejn oqsma ta' politika differenti huwa fundamentali għat-twettiq tal-Ekonomija tal-Benesseri. Il-ħtieġa li jittieħdu azzjonijiet transsettorjali hija inkorporata fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u fil-Karta Soċjali Ewropea, u saret referenza għaliha bħala parti mill-approċċ tas-Saħħa fil-Politiki Kollha f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill (2006). It-twettiq tal-kunċett ta' Ekonomija tal-Benesseri ma jirrikjedix kompetenzi jew strutturi ġodda għal azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni, iżda dan jeħtieġ użu kkoordinat u mtejjeb, mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tas-setgħat rispettivi tagħhom u jappella għal enfasi mġedda fuq il-muturi ewlenin tal-benesseri.

4. L-Ekonomija tal-Benesseri hija bbażata fuq politika ekonomika soda u sostenibbli. Hija tenfasizza l-importanza ta' investment f'miżuri u strutturi ta' politika effettivi, effiċjenti u ekwitabbli li jiżguraw l-aċċess għas-servizzi pubbliċi kollha, inkluż is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, il-kura fit-tul, il-promozzjoni tas-saħħa u l-miżuri ta' prevenzjoni, il-protezzjoni soċjali kif ukoll l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja. Hija tenfasizza l-impjiegi, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti bħala miżuri li jiggarrantixxu l-benesseri fuq il-post tax-xogħol. Hija tirrappreżenta l-opportunitajiet indaqs, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-inklużjoni soċjali.
5. It-tfassil ta' politika bbażata fuq l-għarfien jeħtieġ objettivi ċari u l-użu ta' sett adegwat ta' indikaturi ta' kwalità għolja, valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi u l-evalwazzjoni ta' kosteffettività fuq perijodu qasir, medju u fit-tul. Huwa ġeneralment aċċettat li l-PDG waħdu ma jipprovdi stampa komprensiva tal-benesseri tan-nies. Għalhekk, aktar sforzi kollaborattivi u intensifikati bejn is-setturi huma meħtieġa biex jittejbu l-istrumenti eżistenti u jsir użu aħjar minnhom, u biex jinbena fuqhom għall-iżvilupp ta' approċċ komuni għall-kejl tad-dimensjonijiet differenti tal-Ekonomija tal-Benesseri.
6. Il-bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u l-progress soċjali jinsab fil-qalba tal-integrazzjoni Ewropea. Dan huwa fundamentali għal ekonomija tas-suq soċjali li timmira għal livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali, u jiddistingwi lill-Unjoni fuq livell globali. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (minn hawn 'il quddiem il-Pilastru) jipprovdi indikatur għal proċess imġedded ta' konverġenza 'l fuq lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar fl-Unjoni. It-tweġġiq tal-Pilastru huwa impenn u responsabbiltà politiċi kondiviżi tal-Unjoni u tal-Istati Membri, u jeħtieġ progress kontinwu u azzjoni fil-fond miż-żewġ naħat skont il-kompetenza rispettiva tagħhom. L-Ekonomija tal-Benesseri tikkontribwixxi għall-għanijiet u l-implimentazzjoni tal-Pilastru f'konformità mal-Aġenda Strateġika l-ġdida tal-UE 2019–2024. Barra minn hekk, hija tikkontribwixxi għall-Mudell Soċjali Ewropew, peress li tagħti s-setgħa lin-nies kollha billi tippromwovi konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq.

7. L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi¹ enfasizzat li l-investment fit-titjib tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-protezzjoni soċjali għall-membri kollha tas-soċjetà jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, ir-redditi soċjali assoċjati ma' aktar benesseri individwali - inkluż aktar fiduċja, impenn ċiviku u koeżjoni soċjali akbar - jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku permezz ta' produttività ta' fatturi totali aktar b'saħħitha, stabbiltà finanzjarja u politika akbar, u reżiljenza msaħħa għal xokkijiet negattivi.
8. L-Ekonomija tal-Benesseri hija wkoll fil-qalba tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli li l-Istati Membri kollha huma kommessi għaliha. Fuq l-istess linji, l-importanza tal-investment fis-saħħa, fil-protezzjoni soċjali u fl-edukazzjoni ġiet rikonoxxuta minn diversi organizzazzjonijiet internazzjonali, jiġifieri l-Grupp tal-Bank Dinji², il-Fond Monetarju Internazzjonali³, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol⁴ u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa⁵.

WAQT LI JFAKKAR li:

9. Għadd kbir ta' Ewropej jgħixu ħajjiet għonja. Bħala medja, minkejja d-disparitajiet bejn u fi ħdan l-Istati Membri, in-nies fl-Unjoni huma aktar edukati, aktar sinjuri, aktar b'saħħithom u jgħixu aktar fit-tul minn qatt qabel.

¹ L-Ekonomija tal-Benesseri - Sommarju Eżekuttiv tad-Dokument ta' Informazzjoni tal-OECD dwar "Il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-benesseri tan-nies u t-tkabbir ekonomiku" (10414/19); "The Economy of Well-Being - OECD Background Paper" (L-Ekonomija tal-Benesseri - Dokument ta' Informazzjoni tal-OECD) (10414/19 ADD 1).

² Il-Proġett tal-Kapital Uman.

³ L-Istrateġija dwar l-Infiq Soċjali.

⁴ Id-Dikjarazzjoni Ċentrali għall-Ġejjieni tax-Xogħol.

⁵ Il-Karta ta' Tallinn dwar is-Sistemi tas-Saħħa għas-Saħħa u l-Ġid.

WAQT LI JIKKUNSIDRA li:

10. *Il-faqar u l-esklużjoni* mis-suq tax-xogħol u s-soċjetà jaggravaw l-inugwaljanzi u s-segregazzjoni, li jistgħu jwasslu għal polarizzazzjoni u instabbiltà fis-soċjetà. Minkejja d-diversi żviluppi pożittivi, il-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali jiffaċċjaw diversi sfidi u nuqqas ta' opportunitajiet. Wieħed minn kull erbat itfal fl-Unjoni jinsab friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Il-problema ta' persuni mingħajr dar qed tiżdied f'għadd konsiderevoli ta' Stati Membri u tikkonċerna diversi gruppi ta' persuni, b'mod partikolari f'ambjenti urbani. Madankollu, il-bliet jistgħu joffru wkoll opportunitajiet għall-benesseri tan-nies. Appoġġ għal dħul adegwat, aċċess għal servizzi tas-saħħa u soċjali ta' kwalità għolja, kura fit-tul kif ukoll edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, akkomodazzjoni affordabbli u appoġġ għall-integrazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol huma essenzjali biex jiġu evitati u jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni filwaqt li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għal kulħadd. L-ekonomija soċjali, l-innovazzjoni soċjali u l-investment soċjali għandhom ukoll rwol importanti.
11. *Id-dinja tax-xogħol li qed tinbidel* teħtieġ adattament u kwalifiki u ħiliet differenti u li dejjem jinbidlu. L-edukazzjoni u t-taħriġ għalhekk għandhom rwol ewlieni fit-trawwim tal-kompetittività, l-adattament u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà. Għandhom isiru sforzi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kulħadd *għat-tagħlim tul il-ħajja u l-kisba ta' ħiliet u kompetenzi* sabiex jiġu kkonfrontati l-isfidi u minnufih jittieħdu l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni u l-forom ġodda tax-xogħol. It-tibdil fil-klima ser iħalli impatt fuq id-dinja tax-xogħol. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma fuq il-kundizzjonijiet, l-inċentivi u l-qafas ta' abilitazzjoni li għandu jiddaħħal fis-seħħ sabiex tiġi żgurata transizzjoni lejn UE newtrali għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi li, fost l-oħrajn, ser jippreserva l-kompetittività Ewropea, ikun ġust u soċjalment ibbilanċjat, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri. F'termini ta' impjiegi, it-transizzjoni għan-newtralità klimatika ġġib kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi.

12. Il-gruppi vulnerabbli u l-persuni fir-riskju ta' esklużjoni spiss jiffaċċjaw diffikultajiet fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, u jista' jkollhom bżonnijiet speċjali fuq il-post tax-xogħol u fil-ħajja tax-xogħol tagħhom. Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa fundamentali biex jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet. L-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà kollha kemm hi hija f'konformità mal-prinċipju ta' xogħol deċenti u tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-lonġevità tipprovdi possibbiltajiet għas-suq tax-xogħol u għall-ekonomija, u teħtieġ miżuri ta' appoġġ li jippermettu lin-nies kollha jagħtu kontribut attiv lis-soċjetà u l-ħajja tax-xogħol.
13. Paga ġusta, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u tajbin, impjiegi ta' kwalità, postijiet tax-xogħol rispettużi u nondiskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol jippermettu lin-nies ikollhom aċċess ugwali u jibqgħu fis-suq tax-xogħol, jipprevjenu l-irtirar bikri u jiżguraw li jintużaw il-ħiliet tal-forza tax-xogħol kollha. Il-protezzjoni adegwata tad-drittijiet soċjali u tal-ħajja fuq il-post tax-xogħol issaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-Unjoni u għandha rwol importanti fil-ġlieda kontra l-inugwaljanza u l-faqar fost dawk li jaħdmu. Għandhom jiġu pprovduti wkoll kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u tajbin u protezzjoni soċjali adegwata f'forom ġodda ta' xogħol. Il-postijiet tax-xogħol sikuri u ħielsa mill-periklu jissarrfu f'żieda fil-produttività, titjib fis-sodisfazzjon fix-xogħol u ħajja tax-xogħol itwal, u wkoll jipprevjenu l-mard relatat max-xogħol, l-inċidenti u l-ispejjeż għoljin li jġarrbu. Is-sħab soċjali għandhom rwol importanti fit-tfassil ta' dawn il-politiki.
14. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-titjib tal-opportunitajiet ta' impjieg għan-nisa, l-iżgurar tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, l-iffaċilitar tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-kura u l-ħajja privata għan-nisa u l-irġiel, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa huma vitali għal tkabbir ekonomiku, koeżjoni soċjali u benesseri sostenibbli u inklużivi. It-tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi fl-impjiegi, [...] fil-pagi u **fil-pensjonijiet** u t-tiħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa huma meqjusa bħala prerekwiżiti għal ekonomija aktar ġusta u inklużiva.

15. Sistemi ta' protezzjoni soċjali mfassla tajjeb, adegwati u sostenibbli għal kulħadd jistgħu jkunu effettivi fil-protezzjoni tal-individwi. L-investment fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali jwassal għal riżultati soċjali u ekonomiċi siewja fit-tul. Il-protezzjoni soċjali tikkontribwixxi għar-reżiljenza soċjoekonomika u l-kapital uman. Barra minn hekk, sistemi bħal dawn jistgħu jagħtu riżultati aħjar fis-suq tax-xogħol billi jappoġġaw it-trasferiment tax-xogħol lejn setturi emerġenti u dinamiċi tal-ekonomija.
16. L-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja huma miżuri ta' politika ta' benesseri essenzjali. Edukazzjoni u taħriġ [...] aċċessibbli u ta' kwalità għolja, **li jkunu inklużivi**, huma fundamentali għas-soċjetajiet u l-ekonomiji li jeħtieġu jadattaw għall-bidla u jieħdu vantaġġ minnha. L-investment fl-edukazzjoni u t-taħriġ għandu benefiċċji ekonomiċi u soċjali għolja; dan jappoġġa l-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiku u huwa wkoll kontributor ewlieni għar-reżiljenza tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna u għall-prosperità futura tagħhom.
17. L-isfidi għall-benesseri tan-nies jistgħu jittaffew bl-aħjar mod meta jiġu indirizzati fi stadju bikri u matul il-ħajja[...]. Dawn il-miżuri jinkludu, fost l-oħrajn, **kura qabel it-twelid**, u edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità tajba, il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, inkluż l-attività fiżika u n-nutrizzjoni tajba għas-saħħa kif ukoll miżuri ta' prevenzjoni u ambjenti favorevoli. L-investment fl-għarfien dwar is-saħħa huwa importanti fl-għoti tas-setgħa lin-nies biex jagħmlu għażliet tajbin għas-saħħa.

18. Aċċess għas-servizzi kollha tas-saħħa, il-kura fit-tul, il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, ipprovduti minn sistema tas-saħħa sostenibbli, huma elementi essenzjali tal-benesseri li jindirizzaw ukoll l-inugwaljanzi fis-saħħa u għalhekk jikkontribwixxu għall-ekonomija u s-soċjetà. L-investment fis-sigurtà tas-saħħa jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-iskoperta effettivi u f'waqthom ta' theddid għas-saħħa u r-rispons għalih. Pereżempju, ir-reżistenza antimikrobika, l-eżitazzjoni għat-tilqim, kif ukoll l-okkorrenza dejjem akbar ta' diżastri minħabba t-tibdil fil-klima u t-tifqigħat ta' mard, għandhom il-potenzjal li jikkawżaw ħsara kbira lis-saħħa pubblika u lill-ekonomiji nazzjonali. Iż-żieda fil-kopertura tat-tilqim hija miżura kosteffettiva li tipprevjeni ħafna mard li jittieħed. Sforzi akbar biex tiġi promossa s-saħħa mentali tajba u biex tiġi avvanzata l-prevenzjoni, id-dijanjosi bikrija, it-trattament u l-antistigmatizzazzjoni tad-diżabbiltajiet mentali jkun jtejbju l-ħajja ta' miljuni ta' Ewropej tul ħajjithom u jikkontribwixxu għal ambjenti tax-xogħol mhux diskriminatorji, kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, u b'hekk għal ekonomija aktar b'saħħitha.
19. It-tkabbir kontinwu tan-nefqa fuq is-saħħa huwa sfida għall-ekonomiji nazzjonali fil-pajjiżi Ewropej kollha. Għalhekk huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-fatturi determinanti soċjali, kummerċjali, ekonomiċi u ambjentali tas-saħħa u l-piż ta' mard li ma jitteħidx, filwaqt li jitqiesu l-fatturi ta' riskju bħal dieti ħżiena jew mhux tajbin għas-saħħa, in-nuqqas ta' attività fiżika, u l-użu dannuż tal-alkoħol u t-tabakk. Il-miżuri fiskali jistgħu jintużaw biex jiggwidaw il-konsum u l-imġiba.
20. Skarsezzi u prezzijiet għoljin ta' **għadd ta' tagħmir mediku u mediċini**, flimkien ma' ineffiċjenzi fl-użu ta' mediċini ġeneriċi u bijosimili, jistgħu jheddu s-sostenibbiltà u l-finanzjament tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Huwa essenzjali li jittejjeb l-aċċess għall-mediċini u l-kosteffettività tagħhom, is-sikurezza tal-pazjenti u l-kontinwità tal-kura. Barra minn hekk, huwa importanti li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar il-politika dwar l-affordabbiltà u **s-sigurtà** tal-provvista.

21. L-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment id-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali, qed jibdlu l-mod kif il-benesseri tan-nies jista' jiġi promoss u kif jitwasslu s-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali. Dan għandu l-potenzjal li jżid il-kosteffettività, l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi kif ukoll jiġġieled l-inugwaljanzi fl-aċċess u fl-eżiti. Huwa importanti li jittejjeb l-aċċess tan-nies għad-data dwar is-saħħa u dik soċjali tagħhom stess u li jiżdied l-għarfien dwar il-protezzjoni tad-data dwar is-saħħa u dik soċjali. Għall-fini li jiġu avvanzati s-saħħa pubblika, ir-riċerka u l-innovazzjoni, huwa essenzjali li jsir użu mill-potenzjal tad-data dwar is-saħħa u dik soċjali filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u l-prinċipji etiċi.
22. Is-Semestru Ewropew jipprovdi qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u huwa għodda importanti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-oqsma ewlenin koperti mill-Pilastru. L-għadd ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jinvolvu politiki soċjali, dawk dwar l-impjieg, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ugwaljanza, is-saħħa u l-kura fit-tul, il-pensjonijiet, il-faqar u l-esklużjoni soċjali kiber gradwalment u illum dawn is-suġġetti jammontaw għal kważi nofshom. Politiki soċjali, dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u s-saħħa li jkunu mfasslin tajjeb u jkunu sostenibbli kif ukoll l-ugwaljanza bejn is-sessi huma indispensabbli għal tkabbir ekonomiku fit-tul **sostenibbli u inklużiv**. Il-kooperazzjoni transsettorjali u l-bilanċ tajjeb bejn il-politiki ekonomiċi u dawn il-politiki għalhekk għandhom rwol importanti fis-Semestru Ewropew.
23. Ir-riformi strutturali jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-fondi strutturali tal-Unjoni jistgħu jappoġġaw żviluppi sostenibbli ulterjuri fil-politiki dwar il-benesseri fl-Istati Membri. Dawn il-fondi jistgħu jintużaw biex jipromwovu l-azzjonijiet tal-Istati Membri kif identifikat fil-linji gwida integrati tal-politika ekonomika u tal-impjiegi u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew.

24. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa kruċjali għall-Unjoni li tiżviluppa strateġija ġdida fit-tul, għal wara l-2020 biex tiżgura li l-Unjoni ssir l-aktar ekonomija kompetittiva u soċjalment inklużiva, b'livell baxx ta' karbonju fid-dinja, li tirrifletti l-Ekonomija tal-Benesseri. Huwa importanti għall-Unjoni li turi tmexxija globali billi tadotta strateġija orizzontali ġdida ambizzjuża u bilanċjata tajjeb f'konformità mal-impenji magħmula fil-qafas tal-Pilastru u l-Aġenda 2030 tan-NU.

II-Kunsill tal-Unjoni Ewropea JISTIEDEN lill-Istati Membri biex:

25. JIŻVILUPPAW valutazzjoni transsettorjali tal-impatti fuq il-benesseri sabiex tissaħħaħ il-politika bbażata fuq l-għarfien u t-teħid ta' deċiżjonijiet.
26. JIKKUNSIDRAW l-użu ta' indikaturi relatati mal-benesseri biex jiġu ssorveljati u rrapportati l-proċessi baġitarji nazzjonali u għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-għarfien. Dawn l-indikaturi kollha għandhom jiġu diżaggregati skont is-sess.
27. IŻIDU l-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol permezz ta' mmirar imtejjeb ta' miżuri speċifiċi ta' appoġġ għal nies li huma esklużi jew li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-approċċ ta' inklużjoni attiva.
28. JIŻGURAW, fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali, aċċess għal kulħadd għal protezzjoni soċjali adegwata u għal servizzi ta' kwalità għolja, affordabbli u sostenibbli.
29. JIDDERIEĠU l-attivitajiet transsettorjali tagħhom lejn il-ġlieda kontra l-isfidi tal-benesseri fi stadju bikri u tul il-ħajja tal-individwi, b'kont meħud b'mod partikolari tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-promozzjoni ta' miżuri tas-saħħa u dawk preventivi.
30. JIPROMWOVU politiki komprensivi, ta' taġħlim tul il-ħajja kif ukoll ħiliet u żvilupp tal-kompetenzi tul il-ħajja.

31. JIPPROMWOVU riformi strutturali li jiffavorixxu l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni ċivika u r-reżiljenza soċjoekonomika.
32. ISAĦĦU l-perspettiva transsettorjali fil-pożizzjonijiet ta' politika espressi fi ħdan il-korpi preparatorji differenti tal-Kunsill li jittrattaw is-Semestru Ewropew sabiex tiġi żgurata analiżi bbilanċjata orizzontali, f'konformità mal-kunċett tal-Ekonomija tal-Benesseri.

JISTIENEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u b'kont meħud taċ-ċirkustanzi nazzjonali, u waqt li jkunu rispettati r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, **biex:**

33. JINKLUDU b'mod orizzontali perspettiva dwar l-Ekonomija tal-Benesseri f'politiki nazzjonali u tal-Unjoni u jqiegħdu lin-nies u l-benesseri tagħhom fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika.
34. JIMPLIMENTAW interventi ta' politika bbażati fuq l-evidenza u effettivi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni għall-benesseri.
35. IKOMPLU jeqirdu l-faqar, b'mod partikolari billi jindirizzaw il-faqar fost it-tfal u t-trasmisjoni interġenerazzjonali tal-faqar, inkluż billi jesploraw miżuri ġodda.
36. IKOMPLU jfasslu u jimplimentaw miżuri li jirrikonoxxu u jindirizzaw il-problema ta' persuni mingħajr dar u JIPPROMWOVU l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli għal kulħadd.
37. JIPPROMWOVU l-kollaborazzjoni transsettorjali u jkomplu jsaħħu r-rwol tal-politiki tal-impjiegi, soċjali, tas-saħħa u tal-edukazzjoni fil-proċess tas-Semestru Ewropew.
38. IWETTQU analiżijiet orizzontali fi ħdan il-proċess tas-Semestru Ewropew sabiex itejbu l-perspettivi ta' politika ġenerali u fit-tul u jipprovdu rakkomandazzjonijiet ta' politika bbilanċjata.

39. IKOMPLU jiżviluppaw ġbir ta' data kwantitattiva u kwalitattiva u metodi statistiċi rigorużi għall-kejl u l-monitoraġġ regolari tal-benesseri tan-nies sabiex jipprovdu, flimkien mal-indikaturi ekonomiċi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, analiżi komprensiva bħala bażi għall-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet.
40. **JIPROMWOVU** l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru bħala pass importanti lejn it-twettiq tal-Ekonomija tal-Benesseri.
41. JIŻGURAW il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għall-benesseri tan-nies billi pereżempju jaċċelleraw il-ħidma fuq soluzzjonijiet diġitali innovattivi u b'sigurtà ppjanata fil-promozzjoni tas-saħħa, il-kura tas-saħħa u l-politiki soċjali, billi jsaħħu, fejn rilevanti, l-inizjattivi attwali għall-iskambju transfruntier u interoperabbli, ta' data dwar is-saħħa u l-protezzjoni soċjali, u billi jintużaw teknoloġiji tad-data innovattivi, inkluż l-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li jiġu rrispettati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, is-sigurtà tad-data u l-prinċipji etiċi relatati, u JIPROMWOVU l-inklużjoni diġitali.
42. JANTIĊIPAW l-impatti tal-bidliet demografiċi, b'mod partikolari kkawżati mit-tixjiħ u l-lonġevità, u JIPROMWOVU tixjiħ attiv u tajjeb għas-saħħa fil-politiki kollha.
43. JIMPLIMENTAW miżuri konkreti u effettivi biex jeliminaw id-disparitajiet bejn is-sessi fl-impjiegi u l-pagi lil hinn mill-Pjan ta' Azzjoni attwali tal-UE dwar l-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa **u JINDIRIZZAW l-impatt tagħhom fuq id-disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet.**
44. JIPROMWOVU livell għoli ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja, f'konformità mal-oġettivi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-2002 dwar il-kura tat-tfal u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u ta' Kura Bikrija tat-Tfal ta' Kwalità Għolja tal-2019.
45. ISAĦĦU r-rwol tal-ekonomija soċjali, l-intraprenditorija soċjali u l-innovazzjoni soċjali fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità **u l-aċċess għalihom** u l-investment soċjali.

46. JAĦDMU mill-qrib mas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali u mas-soċjetà ċivili biex jipromwovu l-Ekonomija tal-Benesseri permezz ta' djalogu soċjali u ċivili effettiv.

JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea biex:

47. TIPPROPONI, meta tiskadi l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, strateġija għida ta' tkabbir fit-tul għall-Unjoni, bil-għan li tiżgura li l-Unjoni ssir l-aktar ekonomija kompetittiva u soċjalment inklużiva, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fid-dinja.

48. TOĦROĠ Komunikazzjoni li tindirizza l-Ekonomija tal-Benesseri, b'enfasi fuq ir-relazzjonijiet reċiproċi bejn il-politiki dwar il-benesseri u t-tkabbir ekonomiku, fuq kollaborazzjoni transsettorjali bbilanċjata bejn l-oqsma differenti ta' politika, fuq approċċ ibbażat fuq l-għarfien, u fuq miżuri preventivi u interventi bikrija, li tkun tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pilastru u l-Aġenda 2030 tan-NU.

49. ISSAĦĦAĦ il-valutazzjoni tal-impatti ta' inizjattivi ta' politika leġislattivi u maġġuri dwar il-benesseri, inkluż fil-qasam tal-politika ekonomika.

50. TIRREVEDI l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol, filwaqt li tqis id-dinja tax-xogħol li qed tinbidel.

51. TADOTTA Strateġija Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi awtonoma u SSAĦĦAĦ l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-ibbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fl-oqsma kollha ta' politika.

52. TIPROMWOVI l-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex l-Ewropa ssir is-soċjetà ta' taġħlim ewlenija fid-dinja, billi tiġi appoġġata kultura li tinkoraġġixxi, taġħti s-setgħa u timmotiva lin-nies u lis-soċjetajiet biex jitgħallmu, fil-livelli kollha u f'kull forma ta' edukazzjoni u taħriġ u fl-istadji kollha tal-ħajja.

53. TIŻVILUPPA inizjattivi ġodda biex jiġu indirizzati l-politiki dwar id-diżabilità lil hinn mill-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010–2020 attwali.
54. IĠĠEDDED l-impenn dwar l-inklużjoni tar-Rom billi tiżviluppa inizjattivi ta' politika ġodda, inkluż l-adozzjoni ta' Strateġija Qafas Ewropea għal wara l-2020.
55. TAPPOĠĠA lill-Istati Membri, permezz ta' azzjonijiet adatti fi ħdan il-kompetenza tagħha, fl-isforzi tagħhom biex itejbu s-sostenibbiltà u d-disponibbiltà tas-servizzi tas-saħħa, inkluż l-aċċess għall-mediċini u t-tagħmir mediku.
56. TIPPROPONI Strateġija dwar is-Saħħa Mentali għall-Unjoni, filwaqt li tqis l-impatti transsettorjali ta' politiki differenti fuq is-saħħa mentali.
57. TIPPROPONI Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-għieda kontra l-kanċer, [...]sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom biex, *fost affarijiet oħra*, jipprevjenu l-kanċer, jindirizzaw id-dijanżosi bikrija u t-trattament, u jtejbu l-ħajja tal-pazjenti u tas-superstiti.

JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex:

58. JINTEGRAW perspettiva tal-Ekonomija tal-Benesseri fir-riflessjonijiet tagħhom dwar l-oqsma ta' politika li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom.
59. IKOMPLU jrawmu kollaborazzjoni mill-qrib ma' xulxin u mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika, kif ukoll ma' korpi preparatorji rilevanti oħra tal-Kunsill b'kompetenza b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni, biex tiġi żgurata analiżi orizzontali bbilanċjata.
60. IKOMPLU l-kompitu tat-titjib u l-iżvilupp, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-UE, ta' indikaturi affidabbli u internazzjonalment komparabbli għall-kejl u l-monitoraġġ tal-benesseri tan-nies fl-Unjoni, b'kont meħud tal-kuntest speċifiku għall-pajjiż u l-ħidma mwettqa minn atturi internazzjonali rilevanti oħra.